MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 933/1998/1

**Liliana Nicotra, mart l-assenti Giovanni Nicotra f'isimha proprju u bhala *kuratrici ad litem* tal-minuri, Francesco Nicotra.**

**vs.**

**L-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri u l-P. L. Veronica Rossignaud li b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 1998 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Giovanni Nicotra.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Mejju 1998 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elf, disgha mija u disghin (1990) f'Catania, Sqallija, gie celebrat iz-zwieg

bejn l-attrici, li hija ta’ Nazzjonalita` Maltija u l-konvenut, Giovanni Nicotra (Dok. “A”) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel uniku, Francesco Nicotra, li twieled fil-25 ta’ Dicembru 1993.

Illi iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null peress li l-kunsenst ta’ l-attrici nkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista` mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew b’biza`;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien marbut ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra zewgha u permezz ta’ digriet moghti minn dik il-Qorti, giet affidata bil-kura u kustodja ta’ binhom minuri, Francesco Nicotra;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-disgha (9) ta’ Gunju 1990 f’Catania, Sqallija (Dok. “A”) u dan *ai termini* ta’ l-**artikoli sub-incizi (1) (a), (c), (d) jew (g) ta’ l-Att ta’ l-1975 dwar iz-zwieg** kif sussegwentement emmendat (**Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**).

(2) Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri, Francesco Nicotra, iben il-kontendenti lill-attrici fl-ahjar interess tal-

minuri salv dawk il-modalitajiet kollha li jidhrulha xierqa li tordna skond il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti ta' l-attur (a fol. 4);

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 23 ta' April 1999 fejn talbet li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrrapprezentaw lill-assenti, Giovanni Nicotra;

Rat id-digriet tat-2 ta' Gunju 1998 fejn gew nominati Dr. Tanya Sciberras Camilleri u l-Prokuratur Legali, Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Tanya Sciberrras Camilleri u l-Prokuratur Legali Veronica Rossiganud fejn (a fol. 16) fejn dawn jeccepixxu bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti;

2. Illi fl-ewwel lok, ghandha tingieb prova tar-registrazzjoni taz-zwieg tal-kontendenti fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati (a fol. 17);

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-imsemmija kuraturi (a fol. 17) bix-xhieda hemm indikati;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta; ta' l-14 ta' Mejju 1999 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland li tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza; u tat-13 ta' Lulju 1999 fejn giet nominata Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali;

Rat il-verbali ta’ l-14 ta’ Novembru 2000; tat-12 ta’ Frar 2000; tal-15 ta’ Gunju 2001; tas-27 ta’ Settembru 2001; u tas-26 ta’ Novembru 2001.

Rat l-avviz tat-22 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju 2002; tat-13 ta’ Gunju 2002; ta’ l-24 ta’ Ottubru 2002; ta’ l-10 ta’ April 2003 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport *nonostante* l-fatt li kienet ghadha ma thallsitx ghall-ammont kollu dovut lilha;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali a fol. 45 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 13 ta’ Jannar 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta’ passaport separat f’isem il-minuri sabiex isiefer ghal gurnata wahda biss sabiex ikun jista` jmur jara lil missieru;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Jannar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-**attrici** xehdet fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2000. Hija qalet li ltqaghet ma' zewgha l-konvenut meta kellha tmintax-il sena u cjoe` f'Awissu 1989. Dan kien l-ewwel guvni illi hija kienet harget mieghu bis-serjeta'. Il-konvenut kien qieghed ghal btala gewwa Malta ghal hmistax-il gurnata. L-attrici tghid illi huma zzewwgu f'inqas minn

sena wara li kienu iltaqghu. Ghall-ewwel li ltagqhu l-konvenut kellu hafna karezzi u zeghil maghha. Hu beda` gej u sejjer Malta u f'Dicembru kienet l-attrici li telghet Sqallija biex tiltaqa’ mal-genituri tieghu. Imbaghad hija regghet marret Sqallija fi Frar fejn bdiet tghix ghand omm il-konvenut u regghet giet lura Malta biss qabel izzewgu.

Illi l-attrici tkompli tghid li hija mill-ewwel sabet l-oppozizzjoni tal-genituri taghha *stante* li huma mill-ewwel indunaw x'tip ta' ragel kien u *inoltre* hija kienet ghadha zghira. L-attrici madankollu xorta wahda baqghet tohrog mal-konvenut.

Illi meta fi Frar hija kienet telghet Sqallija, kienet ghadha ma ppjanatx illi kienet ser tizzewweg lill-konvenut. Hija kienet marret Sqallija biss biex tara kif kienet il-hajja hemmhekk. L-attrici tghid illi hija u l-konvenut hadu d-decizjoni li jizzewgu peress illi ma tantx kienu jiltaqghu spiss *stante* illi kienu jghixu f'zewg pajjizi differenti. Hija tghid illi l-konvenut huwa sitt snin ikbar minnha.

Illi l-attrici tghid li l-konvenut kellu fissazzjoni biex ikollu itfal. Pjanijiet ohra ma ghamlux. Il-konvenut la kien jahdem u lanqas kellu flus imfaddlin. Hija qatt ma kienet tistaqsih x'kien jaghmel bil-flus u f'hiex kien qieghed jonfoqhom. Hija kienet moghmija warajh u ma qaghditx tqis x'kien isarraf bhala bniedem.

Illi l-kontendenti izzewwgu gewwa Catania. L-attrici tghid li l-genituri taghha kienu prezenti ghat-tieg izda kienu hemm kontra qalbhom u biss b'rispett lejha u dan ghaliex huma ma qablux ma' dan iz-zwieg.
Illi qabel it-tieg, l-attrici kienet saret taf minghand il-familja tal-konvenut li huwa kien skonta sentejn habs. Il-konvenut qatt ma kien qalilha il-verita’ kollha dwar din l-istorja u ghadha lanqas taf sal-gurnata ta’ llum 'il ghaliex huwa kien wehel il-habs. Hija tahseb li kien jew rigward akkuzi ta' serq jew qtil, pero` ghadha ma tafx il-verita’ u dan peress illi anke tal-familja tieghu kienu jghattulu. L-attrici tghid illi qabel iz-zwieg hija kienet moghmija wara il-konvenut u ma qaghditx tqis l-affarijiet sew.

Illi hija tkompli tghid illi l-konvenut kien izomm kumpanija ta' nies illi hija kienet tqishom kriminali jew tal-Mafia u dan anke peress illi ghalkemm huwa qatt ma kien ikollu flus, dejjem kien jippretendiha u jonfoq il-flus fil-hwejjeg u affarijiet ohra ta' kapricc, bhal *mobile phone*. Hija tghid illi huwa ma kienx iqis illi kellu il-pis tal-familja, izda xorta wahda kien jonfoq il-flus.

Illi l-attrici tghid illi l-konvenut kien anke vjolenti maghha u dan anke waqt l-eghrusija meta kien jheddidha u jerfa' idejh fuqha, mbaghad jghidilha biex ma tghid xejn. Hija tghid li dawn l-incidenti gieli ukoll sehhew fil-prezenza tal-familja tieghu. Huma minn naha taghhom kienu jippruvaw isabbruha u jghidulha biex izzomm il-kwiet. L-attrici tghid illi qabel iz-zwieg kien hemm incident wiehed biss ta' vjolenza. Dan kien incident serju, izda hija ma qalet xejn lil hadd ghaliex kienet lesta li tahfirlu.

Illi fl-ewwel seduta quddiem il-Perit Legali, l-attrici ressqet bhala xhud lil ohta Mary Hamilton. Hija tghid li fil-familja huma qeghdin tlett ahwa u l-attrici hija l-kbira fost l-ahwa. Hija tghid illi saret taf lill-konvenut ftit qabel ma zzewwgu u dan b'kumbinazzjoni. Hija tghid li ohtha ma kenitx qalet lill-genituri taghha mill-ewwel illi kienet qed tohrog ma' Taljan. Ghall-ewwel kienet titfa' xi botti biss, izda imbaghad spiccat biex qaltilhom illi hija kienet qed tiffrekwenta lill-konvenut. Hija tghid li huma ghall-ewwel ma haduhiex bis-serjeta' ghaliex sa dak iz-zmien l-attrici qatt ma kienet harget ma' guvni bis-serjeta`, izda ftit wara hija nfurmat lill-genituri li kien hemm relazzjoni serja bejnha u bejn il-konvenut. Il-genituri taghhom kienu inhasdu ghaliex kien ghadda ftit zmien wisq biex hija taqbad bis-serjeta` ma' dan il-guvni. Fil-fatt ix-xhud tghid li ommhom bdiet tghidilha biex ma tghaggilx, izda l-attrici baqghet twebbes rasha. Hija tghid li ohtha kienet ghadha zghira, kien ghad kellha tmintax-il sena u *inoltre'* kien ghadu kmieni wisq biex hija tiddecidi illi sejra tizzewweg. Hija tghid li ohtha ghamiet wara dan it-Taljan u baqghet issostni li riedet tizzewwgu. Hija tghid illi inqala` hafna inkwiet fil-familja minhabba dan. Missierha riedha tkun kuntenta u ma riedx jindahlilha, izda kien jaf illi din kienet decizjoni wisq mghaggla.

Illi x-xhud tghid illi ohtha tant kienet ghamiet wara dan il-guvni illi hija kienet taghmel dak li jghidilha hu biss u li ghaliha kull ma kien jghidilha kien tajjeb. Mary Hamilton tghid li f'dak iz-zmien ohtha kient libera hafna, tohrog mal-hbieb u ma tiehu xejn bis-serjeta`. Kien ghalhekk illi hija skantat kif hadet imbaghad pass serju daqshekk kmieni. Hija tkompli tixhed u tghid illi tlett xhur qabel it-tieg, l-attrici telghet l-Italja u bdiet taghmel il-preparamenti biex tizzewweg. Hija tghid illi l-genituri kienu joggezzjonaw ukoll ghall-fatt illi f'dan il-perijodu il-konvenut la kellu dar, la impjieg u wisq anqas flus imfaddla. Ghalhekk ommhom kienet tibza li sejra f'post fejn ma kien ser ikollha xejn.

Illi x-xhud tghid li t-tieg gie ccelebrat gewwa Catania u ghalih kienu telghu il-familja kollha. Il-genituri taghha bagqhu jiggieldu sa l-ahhar u dan ghaliex ommhom baqghet tinsisti illi binthom ma kellhiex tizzewweg, izda missierhom ipperswadiha illi kellhom ikunu prezenti ghat-tieg gialadarba binthom kient hadet din id-decizjoni.

Illi ix-xhud tkompli tghid li ftit zmien wara li izzewgu, ohtha bdiet tilmenta fuq il-problema tal-flus u ghalhekk ommhom kienet ghall-ewwel bdiet tibaghtilha l-flus. Il-problema kienet illi Giovanni ma riedx jahdem u ghalhekk lanqas kellhom il-flus biex ihallsu l-kera ghall-post fejn kienu jghixu. Din il-problema, skond ix-xhud, baqghet tul il-hajja matrimonjali taghha. L-attrici kient ukoll tilmenta maghhom illi omm Giovanni kienet tindahlilhom. Dan kien jigri peress illi il-konvenut kien iserrah fuq in-nies ta' madwaru fis-sens illi huwa ma ried jerfa l-ebda responsabbilta' u kien jimmanipula in-nies biex jiggwadanja minn fuq daharhom minghajr ma jerfa l-ebda responsabbilta’ hu. Minhabba f'dan l-attrici kienet tibza kontinwament illi huma ser jispiccaw minghajr flus.
Illi oht l-attrici tghaddi biex tiddeskrivi lill-konvenut bhala bniedem li kien ihobb jilghabha tas-sinjur meta ma kellux flus. Dejjem jixtri l-aqwa hwejjeg tant illi l-ewwel impressjoni li kien jaghti kien wiehed ta' sinjur bil-pozi u bi flus kbar. Hawnhekk hija tirreferi ghaz-zmien ta' qabel iz-zwieg meta hija saret tafu. Fil-fatt hija tghid illi dawn il-pozi xorta wahda lill-genituri taghha ma kkonvincihomx. Tghid

illi sahansitra kien jiehu hsieb idejh u jghamlilhom *manicure*. Il-lehja kien sahansitra iqaxxarha ghand barbier u ma kienx jghamilha hu.

Illi x-xhud tkompli tghid illi l-attrici spiccat fi stat hazin hafna. Tghid illi il-ġenituri taghhom kienu tant jinkwetaw ghaliha illi sahansitra waslu biex offrewlhom li jixtrulhom post Malta biex ikunu jistghu jigu jghixu hawn u l-konvenut ikun jista jibda jahdem. Ghall-ewwel, ix-xhud tghid, illi il-konvenut ikun jidher illi jaccetta din il-proposta, izda hekk kif ommhom tkun hejjiet kollox u l-attrici tkun anke ippakkjat kollox biex jigu Malta, fl-ahhar mument il-konvenut kien jghidilha illi biddel fhiemtu u li ma jridx jigi Malta. Hija tghid illi din l-istorja irrepetiet ruhha madwar tlett darbiet. F'okkazzjoni partikolari kienu anke ppreparaw l-affarijiet kollha biex igorru l-ghamara, izda fl-ahhar Liliana qaltilhom li ma kenux gejjin. Hija tghid illi l-konvenut kien jisma hafna milli tghidlu ommu li kienet kontra l-ideja illi huma jigu jghixu Malta.

Illi Mary Hamilton tghid li wara tlett snin ta' zwieg, il-kontendenti kellhom tifel u kien meta t-tifel kellu madwar sentejn u nofs illi huma nizlu Malta ghal kollox. Meta mbaghad gew Malta, il-konvenut beda` isostni illi huwa ma riedx jahdem Malta izda li ried jahdem barra minn Malta. Ix-xhud tghid illi fis-sitt snin illi l-konvenut kien ghamel ma' ohtha, huwa kien jghid illi qatt ma sab impieg, izda hekk kif gew Malta huwa qalilha illi sab impieg gewwa Sqallija u telaq hemmhekk. Ghall-ewwel beda` jibaghtilha xi ftit flus izda ix-xhud tghid illi wara tlett xhur huwa beda` jnaqqas bl-iskuza illi huwa kien qed jaqla inqas flus, tant illi ix-xhud tghid illi spiccat tmantniha ommhom. L-attrici qatt ma kienet taf kemm il-konvenut kien qed jaqla’ flus jew jekk verament kienx qieghed jahdem. F'dan il-perijodu hija kienet tghix ghand il-genituri taghha. Fl-ahhar hija tghid illi Liliana kienet issuggerietlu biex jigi jahdem Malta biex forsi jaqla’ iktar flus, izda huwa irrifjuta u spicca biex la baqa’ jibaghtilha l-flus u wisq anqas baqa’ jigi Malta. Hawnhekk hija tghid illi ohtha spiccat biex qaltilhom b'dak kollu li gralha u cjoe` kemm kien jahqarha u jsawwatha l-konvenut.

Illi fil-fatt ix-xhud tghid li meta l-attrici kellha lil Francesco hija kient telghet gewwa Sqallija biex tghinha u giet lura Malta imbikkma ghaliex kienet rat kemm kienet mahqura bintha u kemm kienet qed tghix fil-mizerja tant illi lanqas biss kellha hwejjeg tajbin x'tilbes. Hija tirrakkonta illi meta Liliana kienet irritornat id-dar wara it-twelid tat-tarbija kienet sabet lill-familja ta' Giovanni u lil hbiebu d-dar mistednin ghall-ikel. Huwa kien injora il-fatt illi hija kienet ghadha ghajjiena wara l-hlas u ghalkemm ma kellhomx flus huwa beda` jilghab il-karti ma' hutu bil-flus u meta ohtha kienet irrimarkatlu u qaltlu biex jieqaf hu injoraha u baqa` jilghabhom.

## ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attrici ipproponiet zewg talbiet fil-kawza odjerna cjoe` dik fejn talbet l-annullament taz-zwieg li gie ccelebrat bejnha u bejn zewgha u t-tieni talba taghha ghall-kura u kustodja tat-tifel minuri, Francesco. Illi l-Qorti sejra tghaddi l-ewwel biex titratta dik li tidher bhala it-talba ewlenija f'din il-kawza u cjoe` dik tan-nullita` taz-zwieg taghha u tal-konvenut.

## <u>A. L-ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG.</u>

Illi l-attrici qed tibbaza it-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg fuq l-**artikolu 19(1) (a) (c) (d) jew (g).** Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-provi fid-dawl ta' dawn il-kawzali u specjalment fid-dawl ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jghid testwalment illi zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg."*

Illi minn gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car li l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m'huwiex dak

il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss iridu ikollhom il-kapacita` li jaghtu dak il-kunsens izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra il-kunsens ma ikunx gie mogthi bl-iktar mod liberu u bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia* foedus *richiede una capacita intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati della legge, richiede quindi, una intergrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta si assumersi una* servitus *per tutta la vita."* (**Forum 1990, Vol.1, part 1,** page72).

Illi madankollu l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjedix maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li ikunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe' ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre’* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi ghalkemm fl-opinjoni tal-Qorti dak li jirrikjedi d-dritt civili f'dan is-sub-inciz m’huwiex ezattament dak li tirrikjedi il-ligi kanonika fl-istess kamp, pero' l-Qorti xorta wahda ser taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presejduta fl-ismijiet **“Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri”** tal-4 ta' Novembru 1994. F'dik is-sentenza il-Qorti dahlet fil-fond fuq il-kuncett ta' difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila tal-***Pompedda***, il-Qorti sostniet: "*In ogni caso i nubenti debbono avere coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un*

*comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole."*

Illi l-istess sentenza tidhol ukoll fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu.

"*Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi l-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** deciza fl-14 ta' Awissu 1995 fejn il-Qorti qalet:

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within."*

Illi s-**sub-inciz 1 (d) ta' l-artikolu 19** jaghti bazi ohra ghan-nullita` taz-zwieg minhabba vizzji tal-kunsens u cjoe` l-anomalija psikologika, izda l-Qorti m'hijiex ser tidhol biex tinvestiga din il-parti ta' din il-*caput nullitatis stante* illi certament ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in dizamina.

Illi finalment ghalkemm il-**Kap 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewwga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant li ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma ikollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu.

Illi mill-provi prodotti ghalhekk meta ezaminati fid-dawl ta' dak kollu li nghad hawn fuq l-Qorti tirrileva s-segwenti punti saljenti.

Illi huwa fatt mhux kontestat li l-kontendenti izzewgu malajr minghajr ma saret dik il-preparazzjoni rikjesta generalment qabel kopja tidhol ghall-kuntratt taz-zwieg. Huma zzewgu gewwa l-Italja u baqghu jghixu hemmhekk ghal xi zmien wara z-zwieg. Ghall-attrici jidher li dan iz-zwieg kien qisu xi "*fairytale romance*" iktar milli kuntratt impenjattiv bejn zewg persuni ghal hajjithom kollha. Madanakollu mill-provi jidher li hija ghamlet l-almu taghha biex dan iz-zwieg jahdem izda ma rnexxilhiex minhabba il-karattru difficli u attitudni xejn normali tal-konvenut lejn il-hajja mizzewwga. Jidher illi l-genituri ta' l-attrici ma kenux favur dan iz-zwieg *stante* illi huma kienu diga` ndunaw li l-konvenut kien bniedem irresponsabbli li ma kienx ser ikun kapaci jerfa ir-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewwga. Donnu li l-konvenut kien iktar mohhu biex jilbes u "jiddandan", kollu pozi, kif tghid oht l-attrici, u biex jidher dak li fir-rejalta' ma kienx, bniedem sinjur. La kellu impieg u lanqas flus imfaddla, u *di piu'* lanqas biss jidher li kellu ntenzjoni li jsib impieg jew inkella li jibni hajja finanzjarja komda ghall-familja tieghu. Jidher li ghalih ma kien jezisti hadd iktar hlief hu nnifsu.

Illi dan jirrifletti ruhu fil-hajja mizzewwga turbolenti li kellhom il-koppja, Nicotra. Il-konvenut baqa’ ma jahdimx u jghix bl-ghakkarija minn nies ta' madwaru, specjalment il-familja tieghu li kienu jindahlulhom fil-hajja ta' bejniethom. Lill-attrici ma kienx jaghtiha flus, tant illi ohtha tghid fix-xhieda taghha li lanqas kellha x'tilbes u kemm hi u kif ukoll it-tifel kienu jilbsu lbies qodma u anke mqatta'. Il-konvenut minn naha tieghu dejjem jilbes l-ahjar ilbies, bil-*mobile phone* u anke jilghab il-loghob ta' l-azzard ghalkemm flus ma kellhomx. Kien imur iqaxxar sahansitra l-lehja kuljum ghand il-barbier u kien anke jiehu hsieb idejh billi imur ghal vizti ghand *manicurist*. Mhux biss l-attrici kienet mahqura finanzjarjament, izda kienet anke mahqura fizikament minn zewgha li kien spiss ikun vjolenti maghha. Lanqas meta twieled ibnu stess, il-konvenut ma kien kapaci juri konsiderazzjoni lejn martu u anke lejn ibnu ghaliex kien iktar mohhu biex igib in-nies id-dar biex jiccelebra u jilghab il-flus. Imgieba li turi kemm il-konvenut ma kienx kapaci jerfa’ r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewwga.

Illi huwa precizament il-komportament tal-konvenut li juri b'mod car x'apprezzament seta` ghamel waqt il-mument ta’ l-ghotja tal-kunsens matrimonjali. Huwa minnu li ma hemmx ix-xhieda netta, daqs l-ammissjoni tieghu stess, ta' dak illi huwa kien qieghed jifhem waqt li kien qieghed jaghti l-kunsens tieghu, pero' kif inhu ben saput u konstatat fil-gurisprudenza taghna, l-imgieba tal-parti kemm qabel kif ukoll wara ma jigi ikkontratat iz-zwieg hija ferm indikattiva ta' dak li kien qed jifhem il-parti waqt iz-zwieg innifsu.

Illi ta' min wiehed jinnota illi meta l-attrici u l-konvenut gew jghixu Malta wara xi snin taz-zwieg, il-konvenut kien jidher li ma kellu l-ebda intenzjoni jissettilja fil-hajja tal-familja tant li gab skuza illi sab xoghol gewwa Sqallija u telaq, meta fis-snin li kienu ilhom jghixu hemmhekk huwa kien qal lill-attrici li qatt ma irnexxielu isib impieg. *Inoltre’* lanqas biss wera interess biex imantni lil ibnu u ghalkemm ghall-ewwel beda` jibghat xi flus lill-attrici, meta hija

ghamlitlu pressjoni biex isib impieg Malta huwa ma baqghax jibghat il-flus u ma regax gie lura Malta.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni li fil-mument taz-zwieg il-konvenut ma kienx qieghed jifhem u japprezza bl-iktar mod car id-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewwga. Illi l-konvenut ma rriflettiex bizzejjed fuq dak li kien diehel ghalih, cjoe` l-kuntratt matrimonjali. Il-konvenut ma kellux dik il-maturita’ shiha li setghet twasslu biex jifhem u jerfa’ r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewwga kemm fil-konfront ta' martu kif ukoll ta' ibnu. Ghalih huwa baqa’ jghix l-istess hajja ta' guvni minghajr ma nduna li mill-mument tal-ghotja tal-kunsens taz-zwieg il-hajja kellha tinbidel f'wahda ta' rabta konjugali bid-dmirijiet kollha li l-istess iggib maghha.

Illi ghalhekk l-Qorti hija tal-fehma li fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi dwar l-attrici jinghad li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti hija wkoll kellha l-kunsens taghha vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, u dan peress li hija zzewget lill-konvenut biss ghaliex kellha fissazzjoni u nfattwazzjoni fuqu, tant li ghalkemm kull persuna li iltaqghet mieghu indunat li l-istess konvenut ma kienx kapaci jiehu l-hajja mizzewga bis-serjeta’ dovuta, dan kien kollu mohbi ghall-attrici, li kellha seba’ mitt sena sabiex tinghaqad mieghu fiz-zwieg sabiex tkun tista’ tqatta’ hin iktar mieghu, u dan anke minhabba li kien ta’ nazzjonalita’ differenti minn taghha. Wara z-zwieg l-attrici indunat b’dan, a skapitu taghha u ta’ binha, u ghalkemm hija ppruvat xorta wahda taghmel l-ahjar li tista' fic-cirkostanzi jidher car li hija ma setghat qatt tbiddel persuna totalment, u jirrizulta li dwar dan l-attrici qatt ma setghet bl-infattwazzjoni li kellha tirrifeletti sew fuq il-hajja mizzewga mal-konvenut, b’dan li l-kunsens taghha ghall-istess zwieg kien manifestament neboluz u imcajpar u din il-Qorti tazzarda tghid li hija ma kienetx f’kundizzjoni li taghti fil-mument taz-zwieg kunsens validu.

Illi konsegwentement iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Gunju 1990 f'Catania, gewwa Sqallija, kif sussegwentment registrat Malta permezz ta' certifikat taz-zwieg li jgib in-numru 351/00 huwa null u bla effett skond il-ligi u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tintlaqa' abbazi ta' l-**artikolu 19(1) (d) tal-Att taz-Zwieg (Kap.255)** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi minhabba dan hawn deciz ma hemm l-ebda bzonn li din il-Qorti tidhol fuq il-kapi l-ohra ta' annullament imsemmija mill-attrici, *stante* li dan ikun ezercizzju purament akkademiku.

**B. IL-KURA U IL-KUSTODJA TAL-MINURI FRANCESCO NICOTRA.**

Illi t-tieni talba attrici tirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri, iben il-kontendenti, Francesco Nicotra. Illi mill-provi jirrizulta li l-minuri qieghed jghix Malta flimkien ma' ommu Liliana Nicotra.

Illi l-attrici ipprezentat kopja legali tad-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 20 ta' Novembru 1997 minn fejn jirrizulta li l-konvenut kien ukoll assenti minn Malta f'dak iz-zmien u li s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kienet affidat l-kura u l-kustodja tal-minuri, Francesco Nicotra lil omm u rrizervat illi tipprovdi dwar l-access favur il-missier fl-eventwalita` li issir talba minnu f'dan is-sens.

Illi l-Qorti thoss li biex jigu evitati id-duplicita tal-kawzi u ghall-ekonomija tal-gudizzju, hija ghandha b'mod definittiv takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici, specjalment *in vista* tal-fatt li l-minuri ilu jirrisjedi ma' ommu mit-twelid tieghu. Illi *inoltre* ilu zmien twil issa jghix Malta u finalment *in vista* tal-fatt illi l-konvenut huwa assenti minn Malta u ilu hekk assenti ghal bosta snin. Apparti dan jidher li l-istess minuri trabba' dejjem ma' ommu u wkoll kien mantnut minnha, fejn mill-provi prodotti jirrizultra wkoll li l-konvenut lanqas qed jipprovdi xejn ghall-alimenti ta' l-istess minuri. Illi ghalhekk la legalment u lanqas fattwalment ma jkun jaghmel sens illi il-Qorti tiddecidi mod iehor u dan fl-ahjar interess tal-minuri.

Ovvjament dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet spettanti skond il-ligi lill-konvenut ghall-access favur tieghu ghal ibnu minuri Francesco, jekk issir it-talba appozita minn naha tieghu u dan dejjem skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi ghalhekk anke din it-talba ghandha tigi milqugha u dan fl-interess suprem tal-minuri, Francesco Nicotra.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kuraturi deputati 'nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompattibbli ma' dak premess, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-disgha (9) ta' Gunju 1990 f'Catania, Sqallija (Dok. "A") u kif dan gie sussegwentment registrat Malta permezz ta' certifikat taz-zwieg li jgib in-numru 351/00 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 sub-inciz (1) (d) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-zwieg** kif sussegwentement emmendat (**Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**) ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri, Francesco Nicotra, iben il-kontendenti lill-attrici u dan fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------